ID-DAWL

AWWISSU 2025 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 92

**“Intom li temmnu, għaliex tgħidu dak li ma tagħmlux?
L-aktar ħaġa ta’ mibegħda quddiem Alla,
hija li tgħidu dak li ma tagħmlux.”**

Il-Kelma u l-Għemil | Ċittadini Responsabbli | Il-Lealtà u l-Ubbidjenza | Is-Sliem u l-Kuntentizza

Editorjal

L-armonija bejn il-kelma u l-għemil

Imam Laiq Ahmed Atif
President Ahmadiyya Muslim Jamaat

Alla li Jista' Kollox jgħid fil-Koran Imqaddes:

"Intom li temmnu, għaliex tgħidu dak li ma tagħmlux? L-aktar ħaġa ta' mibegħda quddiem Alla, hija li tgħidu dak li ma tagħmlux." (Koran Imqaddes, 61:3-4)

Dan il-vers qawwi jenfasizza d-diżapprovazzjoni severa li Alla għandu għal dawk li jagħmlu stqarrijiet mingħajr ma jwettqu. L-Iżlam ma jippermettix diskors vojt jew wegħdiet ta' ftaħir li mhumiex akkumpanjati minn azzjoni. Fil-fatt, imġiba bħal din hija karatteristika ta' ipokresija, u mhux ta' min verament jemmen jew ta' fidil veru. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes:

"Agħti l-bxara (Muħammad) lil dawk ta' wiċċ b'ieħor li għalihom hemm kastig ta' wġigħ." (4:139) **"Tabilħaqq li dawk ta' wiċċ b'ieħor ikunu f'qiegħ in-Nar, u m'intix se ssibilhom min jgħinhom."** (4:146)

L-ipokriti se jkunu fl-aktar parti baxxa tal-Infern għax jikkombinaw kemm in-nuqqas ta' twemmin kif ukoll l-ipokresija. Din "l-aktar parti baxxa" ma tfissirx biss l-aktar post fond fiżikament, iżda l-post bl-aktar kastig sever, riservat għall-agħar dawk li jwettqu l-ħażen.

ID-DAWL

AWWISSU 2025 – Numru 92 – Pubblikazzjoni ta'
AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA
Mob: 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
Email: amjmalta@gmail.com
www.ahmadiyyamalta.org

INDEX

Word and deed	02
Responsible citizens	04
Loyalty and obedience	05
Peace and happiness	07

www.ahmadiyya.mt/id-dawl **Il-Qoxra:** iStock.com/undefined undefined
Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

Biex nispjegaw dan il-punt: jekk xi ħadd ipinġi dar sabiħa fuq il-karta iżda qatt ma jibniha, jista' jgħix fiha? Ma jimpurtax kemm hu perfett id-disinn, ma jservi għal xejn jekk jibqa' ma jintlaħaqx jew ma jseħħx. Bl-istess mod, il-mexxejja globali jistgħu jagħmlu diskorsi mill-aqwa dwar il-ġustizzja u l-paċi — iżda jekk l-azzjonijiet tagħhom ma jirriflettux kliemhom, dawk il-wegħdiet jibqgħu vojta.

Bl-istess mod, li tgħid li tappoġġja l-paċi f'postijiet bħal Gaża ma tfisser xejn jekk ma jkunx hemm azzjoni biex twaqqaf l-aggressjoni jew iġġib serħan lill-oppressi. L-Iżlam jgħallem li bidla reali teħtieġ sforz reali.

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana jispjega dan b'mod sabiħ u jgħid:

"Il-biża' vera ta' Alla titlob li persuna teżamina l-grad sa fejn kliemha u azzjonijietha jaqblu ma' xulxin. Bniedem li kliemu u azzjonijietu huma f'kunflitt ma' xulxin għandu jkun jaf li se jġarrbu l-korla ta' Alla."

Huwa kompla jħeġġeġ biex nagħmlu l-istess għalina nfusna minn ġewwa u minn barra — għax qalb mimlija pretenzjoni ma tistax taqla' l-pjaċir ta' Alla, irrispettivament minn kemm jista' jinstema' pur il-kliem.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, wissa dwar din il-kontradizzjoni fil-karattru ta' persuna u qal:

"Is-sinjali ta' ipokrita huma tlieta: meta jitkellem, jigdeb; meta jagħmel wegħda, jiksirha; u meta jiġi fdat, jittradixxi l-fiduċja."

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana jispjega dan iktar u jgħid li: "Tabilħaqq, wieħed irid jitbiegħed mill-ħażen iżda fl-istess ħin wieħed irid iwettaq għemejjel ġusti, il-għaliex mingħajrhom m'hemmx salvazzjoni. L-Iżlam ma jwassalx lill-bniedem sa dan l-istadju u jħallih hemm, iżda jkun jixtieq li jaqdi żewġ għanijiet, jiġifieri li jiċħad il-ħażen kollu u li jwettaq azzjonijiet tajbin bil-ħerqa kollha. Sakemm wieħed ma jkollux dawn iż-żewġ kwalitajiet ma jistax jikseb is-salvazzjoni vera."

Ċittadin Musulman responsabbli
Obbligu morali u reliġjuż

Fid-dinja multikulturali u multireliġjuża s-suġġett ta' inklużjoni u l-koeżistenza paċifika sar importanti ħafna u meħtieġ. Kważi f'kull pajjiż madwar id-dinja, inkluż pajjiżna, li huwa ġzira ċkejkna, anke hawnhekk insibu nies ta' nazzjonijiet u fidi differenti. Fil-qosor, dan huwa suġġett globali, iżda, f'kuntest lokali għandu l-importanza tiegħu.

Dan l-aħħar kelli xi laqgħat ma' xi uffiċjali pubbliċi fejn iddiskutejna kif din il-koeżistenza tista' ssir bla xkiel u paċifika, filwaqt li tiżgura l-benesseri tan-nies kollha. Nemmen tassew li, fejn hemm ir-rieda hemm triq. L-Iżlam bħala reliġjon universali u profonda jagħtina linji gwida f'kull kwistjoni tal-ħajja, inkluża din.

Is-saltna tas-smewwiet u tal-art hija ta' Alla

Alla jgħid li d-dinja—l-art u s-smewwiet— huma ta' Alla, il-bniedem mhux is-sid aħħari tagħhom, iżda li ġie fdat bihom biss.

Meta kollox huwa ta' Alla, għaliex niġġieldu li dak huwa tiegħi, u dak huwa ta' ħaddieħor. L-art kollha, il-pajjiżi kollha, ir-riżorsi kollha huma ta' Alla. Għalhekk, meta nifhmu dan il-punt nistgħu ngħixu ma' kulħadd fil-paċi u fl-armonija.

L-Iżlam jiggwidana wkoll li bħala l-bnedmin biex ngħixu bl-aħjar mod huwa minnu li kulħadd jgħix bħala ċittadin tajjeb u jobdi u jipprattika ċerti regoli. L-Iżlam bħala reliġjon juri u jfassal triq 'il quddiem kif il-Musulmani għandhom jgħixu f'pajjiżhom tat-twelid jew fejn emigraw, u jispjega fid-dettall id-doveri tagħhom bħala ċittadini.

Il-lealtà

L-ewwel u qabel kollox, l-Iżlam jordna lill-Musulmani biex juru l-lealtà sħiħa lejn pajjiżhom u dawk li jgħixu fihom. Prinċipju fundamentali tal-Iżlam hu dak li l-kliem u l-għemil ta' persuna m'għandhom qatt juru xi forma ta' ipokresija jew ivarjaw minn persuna għal oħra. Il-lealtà vera titlob relazzjoni msejsa fuq is-sinċerità u l-integrità.

Il-vot bħala fiduċja

L-Iżlam jinkoraġġixxi lill-Musulmani biex jagħżlu l-mexxejja tagħhom bil-għaqal, billi jqisu l-vot bħala fiduċja (*amanah*).

L-ubbidjenza lejn l-awtoritajiet

L-Iżlam jgħallem ukoll li l-individwu fl-ebda ċirkostanza m'għandu jieħu l-liġi b'idejh jew jipparteċipa fi skemi jew konspirazzjonijiet kontra pajjiżu. Dan huwa kmand ċar u bla kundizzjoni tal-Iżlam.

Alla jgħid fil-Koran Imqaddes: **"Intom li temmnu, obdu lil Alla u obdu lill-Mibgħut Tiegħu, u lil dawk li għandhom l-awtorità."** (4:60)

Il-kliem 'dawk fl-awtorità', fit-tifsira usa' tagħhom, jinkludu anke dawk li mhumiex Musulmani li jistgħu jkunu fl-awtorità fuq il-Musulmani. Il-prattika tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, u l-kliem tiegħu jagħmluha ċara ħafna li, fi kwistjonijiet sekulari, il-Musulmani għandhom jobdu wkoll lill-ħakkiema tagħhom li jistgħu ma jkunux Musulmani.

Il-bini tal-paċi

Responsabbiltà importanti oħra ta' ċittadin Musulman hija li jikkontribwixxi għall-istabbiliment tal-paċi u s-sigurtà fis-soċjetà. Għandhom jaqdu r-rwol tagħhom b'mod attiv fil-ħolqien ta' ambjent paċifiku u sigur. Il-Musulmani huma wkoll meħtieġa jevitaw li jikkawżaw ħsara lil xi ħadd bi kwalunkwe mezz; minflok, huma mħeġġa jaqdu l-in-nazzjon tagħhom u lil dawk ta' madwarhom.

It-tagħlim bażiku u fundamentali tal-Iżlam hu li l-Musulman veru huwa persuna li minn ilsienu u idu, kull persuna li tħobb il-paċi għandha tħossha sigura.

It-tixrid tas-sliem u l-ħbiberija

Dover ieħor ta' ċittadin Musulman huwa dak li għandu jsellem lil kulħadd bit-tislima: **'Il-paċi ta' Alla tkun fuqek'**, biex b'hekk iwaqqaf il-pedamenti għal ħbiberija sinċiera. Musulman huwa wkoll obbligat li jżur lil dawk minn ħbiebu u l-ġirien li jinzertaw morda, biex ifarraġhom u jferraħhom. F'relazzjonijiet soċjali għandhom biex jattendu għall-funeral tal-mejta u jgħinu fid-dfin, u juru l-kondoljanzi tagħhom lill-qraba.

Nieħdu ħsieb tal-postijiet pubbliċi

Il-Musulmani huma wkoll mgħallma jieħdu ħsieb l-ispazji pubbliċi u jżommuhom nodfa u miżmuma tajjeb; u m'għandhomx jitfgħu l-iskart fit-toroq jew f'postijiet pubbliċi.

L-Iżlam jobbliga lil kull raġel biex jaqla' ħobżu bix-xogħol, u mhux jgħix ħajja ta' għażż; u għandu jevita li jittallab għall-karità. Musulman għandu jkun qalbieni iżda mhux tiranniku; u dejjem għandu jkollu simpatiji kbar lejn ħaddieħor, u għandu jqis bħala d-dmir tiegħu li joffri l-għajnuna lil dawk minn ħutu li jkunu anqas ixxurtjati minnu. Għandu jsellef il-flus bla interessi lil dawk fil-bżonn.

Hekk hu Musulman, skont it-tagħlim Iżlamiku. Hekk għandhom jgħixu biex jaqdu dmirijiethom, ikunu ġenerużi u juru simpatija u ħniena lil xulxin. U għandhom biex jgħixu bil-motto: **"Imħabba għal kulħadd mibegħda għal ħadd."**

Prinċipji ta’ paċi u kuntentizza

Fotos593/Shutterstock.com

Qed ngħixu fi żmien fejn in-nies jidhru dejjem aktar mhux sodisfatti, maqbuda f’tellieqa kostanti biex jitolbu d-drittijiet tagħhom. Minflok ma jiffokaw fuq id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom, ħafna huma aktar imħassba dwar li jidentifikaw għal xiex huma intitolati.

Fl-opinioni tiegħi, naħseb li dan juri li aħna bħala l-bnedmin m’aħniex kuntenti u fil-paċi, u aħna qegħdin f’taqbida kontinwa biex insibu l-paċi vera, is-serħan tal-moħħ, l-hena, il-kuntentizza u s-sodisfazzjon.

L-ewwel u qabel kollox, il-qofol tal-mezzi kollha huwa kif Alla l-Ħanin jispjega fil-Koran Imqaddes li, “Dawk li jemmnu, u qlubhom isibu serħan fit-tifkira ta’ Alla. Tabilħaqq, li fit-tfakkir ta’ Alla jsibu s-serħan tagħhom il-qlub.” (13:29) Dan huwa elaborat aktar billi, “it-tifkira ta’ Alla tassew hija l-akbar virtù.” (29:46)

Jiġifieri, it-tifkira ta’ Alla hija l-akbar ħaġa li tista’ twasslek għall-paċi u s-sliem; u tista’ tagħmlek tassew paċifiku u trankwill, u hija l-ogħla mezz u prinċipju għat-tiksib tal-kuntentizza vera, dejjiema u sostenibbli.

It-tieni, is-servizz għall-umanità u li naqdu lil ħutna l-bnedmin huwa wkoll mod mill-aqwa biex niksbu s-sliem ġewwa qlubna. Alla l-Ħanin jispjega fil-Koran Imqaddes (3:111) il-karatteristiċi li jagħmluna uniċi fil-ħolqien li huma, is-servizz għall-umanità, tistinkaw għat-tjubija, tevitaw il-ħażen, u temmnu f'Alla.

Il-moderazzjoni hija wkoll virtù u mod mill-isbaħ biex wieħed jasal għall-bir li jista' jimlieh bil-ferħ u s-sliem. Għalhekk, Alla jgħid lill-bnedmin biex dejjem ikunu moderati u jgħid li, 'kulu u ixorbu iżda dejjem b'moderazzjoni; tassew Alla ma jħobbx lil dawk li ma jqisux il-moderazzjoni'. (Il-Koran, 7:32)

Barra minn hekk jgħid li anke għandhom jieħdu ħsieb meta jonfqu, la jkunu estravaganti u lanqas xħaħ iżda jkunu moderati bejn it-tnejn. (25:68)

Barra minn hekk, li ngħixu ħajja ta' sempliċità, li nagħtu kas tal-oħrajn, li nżuru l-morda, u li ngħinu lil dawk fil-bżonn huma kollha aspetti profondament importanti għat-tfittxija tagħna għall-paċi.

Ħajja tal-familja b'saħħitha hija prinċipju ewlieni fl-Iżlam, li jqis il-familja bħala l-punt ċentrali tal-iżvilupp spiritwali, morali u soċjali.

Appell ġenwin għall-paċi

"Jekk żewġ gruppi ta' fidili jiġġieldu kontra xulxin, ippruvaw ġibu l-paċi bejniethom; imbagħad, jekk wara dan kollu wieħed minnhom ikun ħati ta' trasgressjoni kontra l-ieħor, iġġieldu kontra dak li hu trasgressur sakemm jerġa' jkun taħt il-kmand ta' Alla. Imbagħad, jekk dan isir, agħmlu l-paċi bejniethom bl-ekwità u aġixxu b'ġustizzja. Tassew, Alla jħobb lill-ġust." (Il-Koran, 49:10)

Ejjew nisimgħu l-karba u l-biki tal-art Palestinjana li qed issejjaħ lid-dinja għall-għajnuna u nagħtu sehemna sabiex il-poplu Palestinjan jista' jara r-raġġi tad-dawl fit-tarf tal-mina twila u mudlama.

IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

"ID-DAWL" (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
www.ahmadiyya.mt